GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami għall-Post ta' *Second Secretary* fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu

**Suġġett:** Il-Malti

**Data:** L-Erbgħa 16 ta' Lulju 2025

**Ħin:** 09:00 – 12:00 (Tliet sigħat)

**Din il-karta fiha TLIET taqsimiet.**

**Il-kandidati huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet kollha u li jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**

**It-tweġibiet KOLLHA jridu jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu b' linka blu jew sewda.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima A: Traduzzjoni**

Ittraduċi dan it-test b'Malti idjomatiku. Din it-taqsima fiha 70 marka.

## Machiavelli on How to Be a Good Diplomat



In 1522 Niccolò di Bernardo dei Machiavelli (1469-1527) dispatched a letter on how to be a good diplomat to Raffaello Girolami as the young man prepared to serve as the Florentine ambassador to Emperor of Spain Charles V. "Having had some experience in [diplomatic] affairs," Machiavelli wrote to this son of a close friend, "I shall tell you, not in presumption but in affection, what I have learned about them."

The ambassador's job as Machiavelli describes it, has a narrow scope. He focuses on conducting contact work, arriving at judgments based on information derived from contacts, and reporting these effectively to the home government. Perhaps the mentor limits the ambassador's field of play to these three areas to keep things simple given Raffaello's inexperience, which Machiavelli points out at the opening of the letter.

Developing contacts is Machiavelli's first concern, and the ambassadorial contacts most worth knowing are the sovereign and the courtiers immediately around him who know his thoughts and his character and who could obtain a good reception for the new chief of mission. "Any difficult business, if one has the ear of the prince, becomes easy," according to Machiavelli. In other words, access is everything. But Machiavelli continues later that the king and his immediate advisers should not be the only objects of the ambassador's attention. Royal courts are always filled with busybodies, Machiavelli says, who make it their business to know what is going on, or at least to know what is rumoured to be going on, and these people can be cultivated with banquets and entertainments.

The goal of contact work is to obtain information, or intelligence, on what important actions have been decided, what actions are in the process of being decided or are under negotiation, and what will likely happen in the future. While it should be easy to determine what decisions have already been made, diplomatic decisions of great importance to the home government, such as the conclusion of a secret alliance detrimental to the ambassador's prince, are very difficult to uncover. The ambassador can only use his judgment to conjecture or surmise what may be happening in his host court, and Machiavelli suggests that the way to do this is to develop hypotheses based on contacts and to test those hypotheses based on further contact work.

Finding out what your own capital needs to know is crucial. Machiavelli urges Raffaello to observe the emperor's character and intentions closely, find out what kind of men he relies on for advice and whether they can be bribed. To get something, you must give something. Diplomats and courtiers are not in the habit of providing information for nothing. Machiavelli therefore urges Raffaello to ensure that home office officials provide him with as much background on events as possible, because a "city which wants her ambassador to be honoured

can do nothing better than to provide him abundantly with reports, because men who see that they can get something are eager to tell him what they know."

*Extract of an article by David B. Shear from The Foreign Service Journal, online version https://afsa.org/foreign-service-journal NOVEMBER 2022*

*(aqleb il-paġna)*

**Taqsima B: Taqsira**

Agħmel taqsira **(bejn 160 u180 kelma**) bil-Malti tas-silta li ġejja. It-taqsira fiha 70 marka

**Dikjarazzjoni mit-Troika tal-OSKE biex timmarka l-bidu tar-raba' sena tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna**

**HELSINKI/VALLETTA/BERN, 24 ta' Frar 2025**

Illum, it-Troika tal-OSKE – il-President tal-OSKE u Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Finlandja Elina Valtonen, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu ta' Malta Ian Borg, u l-Kunsillier Federali u Kap tad-Dipartiment Federali għall-Affarijiet Barranin tal-Iżvizzera Ignazio Cassis – għamlu d-dikjarazzjoni li ġejja:

"Illum, hekk kif nimmarkaw il-bidu tar-raba' sena tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-Troika tal-OSKE tħeġġeġ lir-Russja biex ittemm l-aggressjoni tagħha u tirrispetta l-impenji tagħha skont id-dritt internazzjonali, inklużi dawk imnaqqxa fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u, b'mod partikolari, l-Att Finali ta' Helsinki, hekk kif qegħdin infakkru l-ħamsin anniversarju tiegħu din is-sena.

Il-gwerra trid tintemm b'paċi komprensiva, ġusta u dejjiema, ibbażata fuq id-dritt internazzjonali u b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Il-President tal-OSKE u Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Finlandja, Elina Valtonen, iddikjarat: 'Ma jistax ikun hemm negozjati dwar l-Ukrajna mingħajr l-Ukrajna. Peress li l-futur tal-Ukrajna huwa element intrinsiku għas-sigurtà Ewropea, l-Ewropa trid tkun inkluża fin-negozjati. L-OSKE hija mgħammra tajjeb biex tikkontribwixxi għas-sigurtà Ewropea u għal paċi ġusta u dejjiema għall-Ukrajna u għall-kontinent tagħna.'

It-trattat tad-difiża ta' Helsinki miftiehem 50 sena ilu jinħass iktar importanti minn qatt qabel. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja hija ksur gravi tal-Prinċipji ta' Helsinki, b'mod partikolari l-ħarsien tal-fruntieri, l-astensjoni mill-użu tal-forza, l-integrità territorjali u r-rispett għad-drittijiet tas-sovranità. Dawn il-prinċipji huma l-pedament tas-sigurtà Ewropea u huma l-bażi tax-xogħol tagħna fl-OSKE.

Kif iddikjara d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu ta' Malta, Ian Borg: 'Dak li nagħmlu għall-paċi llum se jgħin biex jiddetermina jekk ngħixux fil-gwerra għada.' Biss il-konformità sħiħa mal-prinċipji u l-impenji tal-OSKE, li lkoll qbilna fuqhom bis-sħiħ, tista' tħejji t-triq għal paċi ġusta u dejjiema. Il-Kunsillier Federali u Kap tad-Dipartiment Federali għall-Affarijiet Barranin tal-Iżvizzera, Ignazio Cassis, enfasizza: 'Urejna li nistgħu nindirizzaw sfidi globali u nsibu soluzzjonijiet, anke meta d-diviżjonijiet jidhru iktar b'saħħithom mill-għaqda.'

Quddiem l-aggressjoni tar-Russja, l-appoġġ għall-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna se jibqa' prijorità tal-OSKE. Napprezzaw il-kuraġġ u r-reżiljenza tal-poplu Ukren u nsejħu lir-Russja biex immedjatament u bla kundizzjonijiet, tirtira l-forzi armati u t-tagħmir militari tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna sal-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment.

...

Se nkomplu nesploraw modi kif nestendu x-xogħol tagħna għar-ritorn tat-tfal Ukreni trasferiti u deportati b'mod sfurzat mir-Russja, kif ukoll fuq il-ħelsien ta' detenuti ċivili. Infaħħru b'mod speċjali x-xogħol kruċjali tal-Koalizzjoni Internazzjonali għar-Ritorn tat-Tfal Ukreni biex tissaħħaħ il-kordinazzjoni u l-azzjoni internazzjonali f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, nistennew l-implimentazzjoni rapida tal-proġett extra-baġitarju tal-OSKE dwar it-tisħiħ tal-approċi kkordinati u analitiċi fl-investigazzjoni ta' reati serji, b'mod partikolari dawk relatati ma' tfal nieqsa.

Nisħqu fuq l-uġigħ tagħna għall-ħajjiet innoċenti li ntilfu minħabba l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. It-tbatija tal-poplu fl-Ukrajna trid tieqaf. Nikkundannaw kull azzjoni mmirata biex tikkawża mewt, devastazzjoni u trawma fuq nies ċivili bi ksur tad-dritt internazzjonali umanitarju, inklużi attakki fuq infrastruttura kritika u miri ċivili oħra. Id-dritt internazzjonali umanitarju u d-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu rrispettati b'mod strett. Irridu niżguraw li ma jkunx hemm impunità għal delitti mwettqa fl-Ukrajna jew kontra l-Ukrajna, inklużi delitti tal-gwerra u l-delitt ta' aggressjoni. Nappoġġaw l-użu attiv tal-għodod tal-OSKE biex tiġi żgurata l-obbligazzjoni u nfaħħru x-xogħol tal-ODIHR fit-twettiq ta' monitoraġġ u dokumentazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Nenfasizzaw ukoll ix-xogħol importanti tar-Rappreżentant Speċjali tal-President tal-OSKE – il-Kordinatur tal-Proġett – u l-Programm ta' Appoġġ Extra-Baġitarju tal-OSKE għall-Ukrajna (SPU). L-SPU huwa sinjal politiku b'saħħtu u ċar tal-appoġġ sod tagħna għall-Ukrajna u l-poplu tagħha. Juri kif nistgħu nwieġbu għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-Ukrajna kkawżati mill-gwerra b'mod kreattiv u effiċjenti.

Fl-aħħar, nitolbu għall-ħelsien immedjat ta' tliet uffiċjali tal-OSKE – Vadym Golda, Maksym Petrov u Dmytro Shabanov – li għadhom miżmuma f'Donetsk u Luhansk bi ksur tal-prinċipji u l-impenji kollha magħmula mill-Istati Parteċipanti tal-Organizzazzjoni tagħna."

(meħuda mis-sit uffiċjali tal-OSKE, https://www.osce.org)

*(aqleb il-paġna)*

**Taqsima Ċ: Stqarrija għall-Istampa**

Ikteb stqarrija għall-istampa bil-Malti, ta' mhux iktar minn 300 kelma, mit-test li ġej. Din it-taqsima fiha 60 marka.

**SILTA MID-DISKORS TAL-PRESIDENT TA' MALTA F'GĦELUQ IL-50 SENA TA' MALTA REPUBBLIKA**

"Fil-fora internazzjonali Malta għandha profil għoli. Dan huwa dovut għal politika konsistenti, fejn Malta ħaddnet attivament politika favur il-paċi, is-sigurtà u l-progress soċjali fost in-nazzjonijiet kollha, kif jgħid l-Artiklu 1 sub-Artiklu 3 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Malta bdiet tipproponi l-progress soċjali fost il-ġnus meta fl-1967, fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Malta nidiet il-kunċett tal-Wirt Komuni tal-Umanità fir-rigward tal-Ibħra. B'dan il-kunċett Malta ssottolinjat profondità ta' viżjoni, imsejsa fuq id-drittijiet tal-popli, fi żminijiet meta kien qed jinħatt il-kolonjaliżmu fil-kontinent Afrikan u l-popli kienu effettivament qed jieħdu d-destin tagħhom, b'rajhom f'idejhom. Dakinhar, din kienet rebħa tal-istati li kienu għadhom fl-infanzja, u l-iskop kien sabiex il-ġid u r-riżorsi tad-dinja ma jinħakmux mill-pajjiżi potenti.

Dan il-kunċett tal-wirt komuni tal-umanità, imniedi minn Malta fl-1967, tul dawn il-ħamsin sena, qiegħed ikun estiż fejn jidħlu materji u riżorsi oħra, bħall-ispazju, ir-riservi ta' taħt l-oċeani, il-protezzjoni, u s-sostenibbiltà ta' riżorsi, għall-benefiċċju tal-umanità kollha kemm hi bla distinzjoni.

Fejn jidħol il-ġid tal-umanità, kienet Malta wkoll illi fl-1988, fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ressqet riżoluzzjoni li tefgħet il-lenti fuq il-problema tat-tibdil fil-klima.

B'riżultat ta' din ir-riżoluzzjoni, din il-problema llum qiegħda tittieħed bis-serjetà mill-maġġoranza kważi assoluta tal-istati tad-dinja, u diġà f'fora internazzjonali hemm il-mixja lejn trattati importanti.

Malta kienet ukoll innovattiva, meta fl-1975, f'Ħelsinki, ġie enfasizzat illi m'hemmx paċi u sigurtà fl-Ewropa mingħajr paċi fil-Mediterran.

U fil-kuntest tal-Mediterran, wieħed jinnota illi s-suġġeriment tal-Prim Ministru illi l-Kummissjoni Ewropea tinkorpora fil-Kummissjoni l-ġdida tagħha, portafoll ta' Kummissarju għall-Mediterran ġie aċċettat u attwat.

Malta wkoll għandha kredibilità internazzjonali mifruxa fejn jidħol l-irwol tagħha ta'medjatur u moderatur, grazzi għal politika tagħha ta' non-alinjament u newtralità. F'din l-aħħar sena, dan issarraf f'fiduċja meta Malta ġiet fdata biċ-Chairmanship tal-OSKE; xhieda illi meta jkollna qbil bejnietna, minkejja ċ-ċokon tagħna, kapaċi nattiraw ir-rispett ta' popli akbar minna.

Irridu nħarsu 'l quddiem kull wieħed u waħda minna, nitfgħu fuq nett il-kwalitajiet it-tajba, il-bżulija, ir-reżiljenza, is-solidarjetà, u fuq kollox il-galbu. Dawn il-kwalitajiet li l-antenati tagħna kienu jippritkaw fil-familja għadhom validi llum, u għandhom jibqgħu validi għal li ġej jekk irridu nkomplu ngħollu isem Malta.

Il-poplu tagħna m'għandu xejn anqas minn popli oħra. Dan urejnieh u qed nuruh.

Nappella biex id-doni li kull wieħed u waħda minna għandna nużawhom sewwa u għas-sewwa. Noqogħdu attenti illi liż-żgħar tagħna ma nikkorrompuhomx bl-eżempju. Bl-eżempju għandna nnisslu fihom sinsla ta' karattru, li jissarraf f'sens fin ta' etika, f'sens fin ta' dak li hu ġust u xieraq.

Hekk jixirqilha Malta, li jkunu, iċ-ċittadini tagħha!

Illum, Malta tirrikonoxxi lil dawk li, bil-kontribut tagħhom, għollew isem pajjiżna.

Fl-istess waqt, insellem ukoll lil dawk il-ħafna anonimi li bil-ħidma fejjieda tagħhom, jikkontribwixxu jum wara jum biex pajjiżna jkompli miexi 'l quddiem, u biex lill-ġenerazzjonijiet t'għada ngħaddulhom Malta aħjar milli sibniha.

(Silta meħuda mid-diskors sħiħ tal-President mis-sit uffiċjali https://president.gov.mt/mt/diskorsi/)

L-Uffiċċju tal-President ta' Malta
Il-Palazz, Pjazza San Ġorġ, Valletta, Malta

**TOTAL: 200 MARKA**

# TMIEM IL-KARTA

**PAĠNA VOJTA**